MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2007

Avviz Numru. 401/2004

**L-Onor. Nutar Tony Abela (ID: 53556M)**

**vs**

1. **Felix Agius**
2. **Glenn Beddingfield**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz ipprezentat mill-attur fis-27 ta' Lulju 2004 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li prevja kull dikjarazzjoni ta' din il-Qorti illi l-Artikolu fl-ewwel faccata tal-"Kullhadd" intitolat "Nutar, zewg kuntratti u frodi kbar" – li tieghu huma l-editur u l-awtur rispettivament – ppubblikat fil-harga tal-25 ta' Lulju, 2004 (Dok A) huwa libelluz, joffendi l-unur u l-fama tal-attur u jesponieh ghad-disprezz tal-pubbliku, (2) jhallsu lill-attur dik is-somma li ma teccedix Lm5000 u li tigi stabbilita' minn din il-Qorti a tenur tal-Art. 28 tal-Ligi Dwar l-Istampa (Kap 248).

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-verbal tat-3 ta' Mejju 2005 fejn stante in-negozjati li kienu ghaddejjin bejn il-partijiet ghal transazzjoni, l-konvenuti kienu awtorizzati illi ma jipprezentawx eccezzjonijiet sakemm dawn id-diskussjonijiet ghadhom ghaddejjin.

Rat il-verbal tas-7 ta' Marzu 2007 (fol 51) fejn il-Qorti giet infurmata li minkejja li r-ratifika giet ippubblikata mill-konvenuti, din ma saritx bil-prominenza pattwita u lanqas ma giet ri-prodotta fl-intier taghha, izda biss siltiet, f'pagna sekondarja ma' l-avviz, liema ratifika ma kienetx sodisfacenti ghall-attur.

Rat illi l-konvenuti baqghu ma pprezentawx l-eccezzjonijiet taghhom.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi minkejja li l-Qorti ddifferiet il-kawza ghal diversi drabi ghall-provi tal-konvenuti, dawna qatt ma dehru biex taw ix-xhieda taghhom u ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq il-provi prodotti mill-attur u d-dokumenti esebiti.
Irrizulta mill-provi illi fil-harga tal-gazzetta "Kullhadd" tal-25 ta' Lulju 2004 fuq l-ewwel pagna gie pubblikat artikolu intestat "Nutar, zewg kuntratti u frodi kbar" flimkien mar-ritratt ta' l-attur. F'dan l-artikolu gie allegat illi l-attur fil-professjoni tieghu ta' nutar ma kienx onest u gew ikkawzati frodi kbar bi pregudizzju ta' terzi bil-pubblikazzjoni ta' kuntratti illi hargu mill-ufficju ta' l-attur.

L-attur spjega l-process tal-pubblikazzjoni tal-kuntratti fejn irrizulta b'mod determinanti illi l-ufficju tieghu mexa bl-akbar professjonalita'. Hu ma ppubblika xejn minghajr awtorizzazzjoni tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili. Il-kuntratt kien jinvolvi bejgh ta' eredita' bid-debiti u l-assi tieghu

kollha b'mod indeterminat. Sussegwentement min xtara din l-eredita' beda jbiegh xi artijiet lil terzi izda dawn it-terzi bdew jirrealizzaw illi l-art li xtraw kienet ta' terzi ohra u ghalhekk ma kellhomx il-garanzija tal-pacifiku pussess. Meta rrizulta dan, kien l-istess ufficju tan-nutar attur illi ppubblika kuntratt ta' rexissjoni fejn il-partijiet regghu lura ghal posizzjoni taghhom qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt tal-bejgh.

Sussegwentement saru diversi kuntratti minn nutara ohra li maghhom l-attur ma kellhux x'jaqsam. Jidher li din ix-xhieda kienet a sodisfazzjon tal-konvenuti ghax tant hu hekk illi b'artikolu illi gie ppubblikat fil-harga tad-19 ta' Gunju 2005 f'pagna 4 il-konvenuti skuzaw ruhhom ma' l-attur u ddikjaraw illi l-attur wettaq dmiru sew bhala Nutar u ma naqas bl-ebda mod mill-professjoni tieghu. Ma wettaq ebda att jew naqas milli jaghmel xi att li b'xi mod ma kienx regolari  jew konformi mal-ligi u li bl-ebda mod ma kien involut f'xi frodi.

Skond l-istess nutar din il-pubblikazzjoni ma kienetx fidila ghar-ratifika illi kienu ftiehmu bejniethom illi kellha wkoll tigi ppubblikata fuq il-faccata tal-gazzetta bl-istess prominenza illi kien inghata l-artikolu originali.

Ghal dak li jirrigwarda l-meritu hu ormai assodat illi persuna fil-politika ghandha tissaporti livell ta' kritika ferm aktar wiesa mic-cittadin komuni. Recentement f'decizzjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem fl-*ismijiet Lombardo vs Malta,* fl-24 ta' April 2007 din il-livell ta' kritika gie aktar imwessa biex il-politiku jkun aktar u aktar tolleranti ghal kritika li ssir fil-konfront tieghu. Dana pero' ma jfissirx illi bhala politiku jew persuna ta' notarjeta' pubblika ghandha tissaporti kwalunkwe kritika, wkoll il-gideb u allegazzjoni ta' att kriminali.

Illi tallega frodi f'komportament legali ta' nutar hija xi haga serja hafna illi tikkomporti mhux biss att kriminali, izda anke wkoll il-possibilta' tat-telf tal-warrant ghall-istess nutar jekk l-allegazzjonijiet ikunu ppruvati peress illi nutar fil-kapacita' tieghu pubbliku jispira l-fiducja u ma jistax ikun illi ccappas nutar bl-allegazzjonijiet simili minghajr ma jkun

hemm il-konsegwenzi taghhom. Kif fil-fatt xehed l-istess nutar li sofra minn dawn l-allegazzjonijiet billi tilef kwazi erbghin fil-mija tal-klijenti tieghu. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi din l-allegazzjoni ta' frodi fil-konfront ta' nutar pubbliku tmur oltre l-limiti ta' kritika li ghandu jissaporti l-istess nutar minkejja li huwa attiv fil-politika.

Kif qalet il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet _Gordon Debono vs Carmel sive Charles_ _Demicoli bhala editur tal-gazzetta The People on Sunday_, b'decizzjoni tal-Prim Awla fil-31 ta' Jannar *2002 "li wiehed jasserixxi f'gurnal li persuna hija hatja ta' frodi (guilty of fraud) meta dan ma jkunx minnu hija mhux biss ingurjuza u malafamanti izda wkoll tohloq dannu lil parti interessata billi tnaqqas il-fiducja tal-pubbliku u partikolarment il-klassi kummercjali f'dik il-persuna"*. F'dan il-kaz minkejja l-klassi kummercjali ma tidholx fl-ambitu tal-konsiderazzjonijiet taghha, jidhol pero' l-klassi professjonali li jhossu l-istess konsegwenzi. Veru illi fl-artikolu ma jinghadx li n-nutar kien hati ta' frodi imma l-allegazzjoni ta' frodi hija serja bizzejjed biex kwazi twassal ghall-istess konkluzzjoni. Ghalhekk il-Qorti jidhrilha illi l-artikolu li minnu qed jilmenta l-attur huwa wiehed libelluz f'kull sens tal-kelma u jmur kontra l-Artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa, Kap 248.

Ikkunsidrat:

Ghal dak li jirrigwarda l-ghoti tad-danni l-Qorti trid tiehu in konsiderazzjoni ir-ratifika ppubblikata mill-konvenuti. Minkejja illi din ir-ratifika giet ippubblikata f'post mhux prominenti u ma nghatatx l-istess importanza bhall-artikolu originali pero' l-Qorti trid tehodha bhala attenwanti fl-ghoti tad-danni izda mhux illi tpatti totalment ghal hsara maghmula fl-artikolu lamentat.

Fil-kawza _Nazzareno sive Reno Galea vs Joseph E Stafrace_ deciza mill-Prim Awla fil-14 ta' Dicembru 1965 il-Qorti qalet *"....id-dritt tal-bniedem ghar-reputazzjoni tieghu huwa assolut u d-danni morali jikber proporzjonalment ghal kruha, u ghal kriminalita' tal-fatt dizonest imputat."* (*ukoll dwar "apologija skjetta, pronta u spontaneja illi tista'*

*timmitiga serjament u qatt ma tnehhi ghal kollox l-effetti ta' l-ingurja....").*
Ghalhekk il-Qorti trid izzomm bilanc bejn *"il-kriminalita' tal-fatt dizonest imputat"* u r-ratifika xejn serja li ghamlu l-konvenuti zmien wara. F'dan il-bilanc il-Qorti ssib illi taqleb hafna favur l-attur peress ir-ratifika *"nofs kedda"* ippubblikata zgur li ma taghmilx tajjeb ghal fatt serju imputat. Madankollu kif ghallmet is-sentenza fuq imsemmija, xi mitigazzjoni jrid ikun hemm u ghalhekk il-Qorti wara li qieset ic-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz, kif ukoll ir-ratifika ppubblikata thoss illi ghandha takkorda danni favur l-attur fl-ammont ta' hames mitt lira (Lm500).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi. Tiddikjara l-artikolu fl-ewwel faccata tal-"Kullhadd" intitolat *"Nutar, zewg kuntratti u frodi kbar"* ippubblikat fil-harga tal-25 ta' Lulju, 2004 liema artikolu inkiteb mill-konvenut Glenn Beddingfield u ppubblikat mill-konvenut Felix Agius bhala Editur tal-Gazzetta huwa libelluz, joffendi l-unur u l-fama tal-attur, jesponieh ghal disprezz tal-pubbliku bi ksur ta' l-artikolu 28 tal-Ligi dwar l-Istampa Kap 248 u tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu insolidum l-ammont ta' hames mitt lira (Lm500) lill-attur bhala danni.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-avviz kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------